SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

22 ta' Mejju 2014*

"Direttivi 92/40/KEE u 2005/94/KE — Deċiżjonijiet 2006/105/KE u 2006/115/KE — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 16, 17 u 47 — Miżuri ta' ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur — Kumpens għad-danni"

Fil-Kawża C-56/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Szegedi ítélőtábla (l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Frar 2013, fil-proċedura

**Érsekcsanádi Mezőgazdasági Zrt**

vs

**Bács-Kiskun Megyei Kormányhivatal,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. Borg Barthet, President tal-Awla, E. Levits (Relatur), u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Bács-Kiskun Megyei Kormányhivatal, minn I. Olasz, u J. Kerényi, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u K. Szíjjártó, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Bottka, H. Krämer u B. Burggraaf, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE, tad-19 ta' Mejju 1992, li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tal-għasafar (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p. 306), tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE, tal-20 ta' Diċembru 2005, dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 270M, p. 5), tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/105/KE, tal-15 ta' Frar 2006, dwar ċerti miżuri provviżorji ta' protezzjoni rigward każijiet sospetti ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'għasafar selvaġġi fl-Ungerija (ĠU L 118M, p. 219), tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/115/KE, tas-17 ta' Frar 2006, dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'għasafar selvaġġi fil-Komunità u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/86/KE, 2006/90/KE, 2006/91/KE, 2006/94/KE, 2006/104/KE u 2006/105/KE (ĠU L 48, p. 28), kif ukoll tal-Artikoli 16, 17 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Érsekcsanádi Mezőgazdasági Zrt, impriża agrikola tat-trobbija tal-annimali u l-Bács-Kiskun Megyei Kormányhivatal (uffiċċju amministrattiv tad-dipartiment ta' Bács-Kiskun), dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jagħti lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fil-kuntest tal-kumpens għal dannu kkawżat fl-eżerċizzju ta' kompetenza amministrattiva, kumpens li jikkorrispondi għan-nuqqas ta' qligħ sostnut mill-imsemmija rikorrenti.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/40 jipprovdi:

"Din id-Direttiva tiddefinixxi l-miżuri ta' kontroll Komunitarji li jridu jiġi applikati f'każ li tfaqqa' l-influwenza ta' l-għasafar fit-tajr mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet Komunitarji li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju."

4 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2005/94 jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi:

a) ċerti miżuri preventivi marbuta mas-sorveljanza u s-sejba bikrija ta' l-influwenza tat-tjur u li jżidu l-livell ta' għarfien ta' l-awtoritajiet kompetenti u tal-komunità agrikola u l-preparazzjoni għar-riskji ta' dik il-marda;

b) il-miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tfaqqigħ ta' l-influwenza tat-tjur fi tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u s-sejba bikrija ta' tixrid possibbli tal-viruses ta' l-influwenza tat-tjur għal mammiferi;

(ċ) miżuri sussidjarji oħra biex jiġi evitat it-tixrid tal-viruses ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja għal speċi oħra."

5 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2005/94 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni bit-test ta' dawk id-disposizzjonijiet."

6 L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2006/105, intitolat “It-twaqqif ta’ żoni ta’ protezzjoni u sorveljanza”, fil-paragrafu (1) tiegħu jipprovdi:

“1. Madwar iż-żona fejn il-preżenza ta’ l-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja kkawżata mill-virus A ta’ l-influwenza tas-sottotip H5 fl-għasafar selvaġġi tkun ikkonfermata, u n-*neuraminidase* tat-tip N1 hija sospetta jew ikkonfermata, l-Ungerija għandha tistabbilixxi:

a) żona ta’ protezzjoni b’radjus ta’ talanqas tliet kilometri, kif ukoll

b) żona ta’ sorveljanza b’radjus ta’ talanqas għaxar kilometri, biż-żona ta’ protezzjoni inkluża.”

7 L-Artikolu 3(2)(a) u (ċ) ta’ din id-direttiva jistabbilixxi:

“2. L-Ungerija għandha tassigura li dak li ġej jiġi pprojbit fiż-żona ta’ protezzjoni:

a) it-tneħħija tat-tjur u għasafar oħra mrobbija mill-bniedem mill-istabbiliment li fih dawn qegħdin jinżammu;

[...]

ċ) it-trasport minn ġoż-żona tat-tjur ta’ l-irziezet u għasafar oħra miżmuma mill-bnidem, minbarra l-ġarr fit-toroq ewlenin jew il-ferroviji u t-trasport lejn biċċerija għall-qtil dirett [immedjat];

[...]”

8 Skont l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija deċiżjoni:

“1. B’deroga mill-Artikolu 3(2)(a), l-Ungerija tista’ tawtorizza t-trasport ta’ għattuq lest biex ibid u dundjan għat-tismin miż-żona għal stabbilimenti taħt kontroll uffiċjali li jinsabu fiż-żona ta’ protezzjoni jew f’dik ta’ sorveljanza.”

9 L-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni 2006/105 jipprovdi:

“L-Ungerija għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma ma’ din id-Deċiżjoni, u tippubblika dawk il-miżuri. Għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b’dan minnufih.”

10 L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2006/115, intitolat “It-twaqqif ta’ żoni ta’ protezzjoni u sorveljanza”, fil-paragrafu (1) tiegħu jipprovdi:

“1. Madwar iż-żona fejn il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja kkawżata mill-virus A tal-influwenza tas-sottotip H5 fl-għasafar selvaġġi tkun ikkonfermata, u n-*neuraminidase* tat-tip N1 hija ssuspettata jew ikkonfermata, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi:

a) żona ta’ protezzjoni b’raġġ minimu ta’ tliet kilometri, kif ukoll

b) żona ta’ sorveljanza b’raġġ minimu ta’ għaxar kilometri, biż-żona ta’ protezzjoni inkluża.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 Skont il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2) ta' din id-deċiżjoni, dwar il-miżuri fl-imsemmija żona ta' protezzjoni:

"2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li jiġi pprojbit fiż-żona ta' protezzjoni:

a) it-tneħħija tat-tjur u tal-għasafar oħra mrobbija mill-bniedem mill-istabbiliment li fih dawn qegħdin jinżammu;

[...]

ċ) it-trasport minn ġewwa ż-żona tat-tjur tal-irziezet u għasafar oħra miżmuma mill-bniedem, minbarra l-ġarr fit-toroq ewlenin jew bil-ferroviji u t-trasport lejn biċċerija għall-qtil immedjat;

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 Skont l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija deċiżjoni:

"1. B'deroga mill-Artikolu 3(2)(a), l-Istat Membru kkonċernat jista' jawtorizza t-trasport ta' għattuq lest biex ibid, ta' dundjani għat-tismin u ta' tjur u għasafar selvaġġi tat-trobbija oħra lejn stabbilimenti taħt kontroll uffiċjali li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni jew f'dik ta' sorveljanza." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

13 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 2006/115 jipprovdi:

"L-Istati Membri kollha għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ruħhom ma' din id-deċiżjoni u jippubblikawhom. Dawn għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

*Id-dritt Ungeriż*

14 Il-Liġi Nru CLXXVI tal-2005 dwar il-saħħa tal-annimal (állategészségügyről szóló 2005. évi CLXXVI. törvény), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, tinkludi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw miżuri epidemjoloġiċi.

15 Skont l-Artikolu 7(4) ta' din il-liġi:

"L-awtorità veterinarja tista', f'każijiet partikolari, bl-għan li tippreveni jew li tikkonferma l-preżenza tal-marda tal-annimal suġġetta għal notifika, li tikkontrolla l-firxa tagħha jew li tnaqqas id-dannu li din tikkawża, jew bil-għan li teqridha, tadotta, b'teħid inkunsiderazzjoni tan-natura u tal-espansjoni tal-marda, dispożizzjonijiet partikolari li jipprevedu l-miżuri epidemjoloġiċi li ġejjin:

[...]

f) il-ħolqien ta' żona ta' protezzjoni (żona ta' sorveljanza),

[...]

q) l-impożizzjoni fuq ċerti impriżi (bħal per eżempju biċċeriji, fabbriki ta' proċessar ta' prodotti sekondarji magħmula mill-annimali), sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni effettiva tal-miżuri epidemjoloġiċi, ta' obbligu li jikkontribwixxu għalihom, sa fejn u fiż-żmien neċessarju sabiex jiġi pprevenut ir-riskju, u permezz ta' kumpens sussegwenti proporzjonali għall-kontribuzzjoni ta' kull waħda minnhom."

16 L-Artikolu 8(1) tal-imsemmija liġi jipprovdi:

"Jistgħu jiġu ordnati diversi miżuri epidemjoloġiċi simultanjament. Id-deċiżjonijiet li jordnaw il-miżuri għandhom jiġu applikati b'mod immedjat, minkejja kwalunkwe oġġezzjoni."

17 Barra minn hekk, l-Artikolu 10 tal-istess liġi jipprovdi:

"1. Jistgħu jistennew kumpens min-naħa tal-Istat meta tittieħed miżura epidemjoloġika bħal dik imsemmija fl-Artikolu 7(4)(i) sa (q) — u bla ħsara għal dak previst fl-Artikolu 10(4):

[...]

c) l-impriżi msemmija fl-Artikolu 7(4)(q).

[...]

3. L-ammont tal-kumpens għandu jkun daqs il-valur fis-suq tal-annimal, tal-materjal, tal-għodda jew tal-oġġett. Fil-każ ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(4)(p) jew (q), dan jiddependi fuq id-dannu kkawżat mir-rekwiżizzjoni jew mill-kontribuzzjoni (bl-esklużjoni ta' nuqqas ta' qligħ). Ir-regoli dettaljati dwar l-evalwazzjoni tad-dannu u l-ħlas tal-kumpensi huma suġġetti għal dispożizzjonijiet partikolari. Id-deċiżjonijiet li jordnaw il-miżuri għandhom jiddeterminaw il-metodu ta' kif isir il-ħlas tal-kumpensi.

[...]"

18 Skont l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 44 tal-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali, tas-17 ta' Mejju 2002, dwar il-protezzjoni kontra l-influwenza tat-tjur u tal-marda ta' Newcastle, kif fis-seħħ fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali:

"1. Jekk tiġi kkonfermata dijanjożi tal-influwenza tat-tjur jew tal-marda ta' Newcastle mill-veterinarju prinċipali tad-dipartiment f'razzett jew f'unità oħra ta' produzzjoni, l-awtorità għandha tordna l-istabbiliment, madwar ir-razzett jew l-unità ta' produzzjoni infettata, ta' żona ta' protezzjoni ta' raġġ minimu ta' tliet kilometri. Fid-definizzjoni taż-żoni ta' protezzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-irziezet lokali li fihom jinsab xi tjur, il-biċċeriji, il-limiti ġeografiċi naturali, kif ukoll il-possibbiltajiet ta' sorveljanza.

[...]"

19 L-Artikolu 339(1) tal-kodiċi ċivili stabbilit bil-Liġi Nru IV tal-1959 (Polgári törvénykönyvről szóló 1959. évi IV. Törvény), dwar il-kumpens għal dannu, jipprevedi:

"Kull persuna li, b'mod illegali, tikkawża dannu lil ħaddieħor għandha tikkumpensah. Hija tista' tevita din ir-responsabbiltà jekk hija tagħti prova li hija aġixxiet kif ġeneralment mistenni f'tali sitwazzjoni."

20 L-Artikolu 349(1) ta' dan il-kodiċi jipprovdi:

"Responsabbiltà għal dannu kkawżat fl-eżerċizzju ta' kompetenza amministrattiva tista' tiġi stabbilita biss jekk id-dannu ma setax jiġi evitat bl-eżerċizzju ta' rimedji legali ordinarji jew jekk il-vittma eżerċitat rimedji legali ordinarji tagħha stess sabiex tippreveni li d-dannu jseħħ."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

21 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, impriża agrikola ta' trobbija tal-annimali li tieħu ħsieb, b'mod partikolari, it-tismin tad-dundjani, ikkonkludiet ma' kooperattiva agrikola kuntratt ta' kera għal żmien determinat mis-6 ta' Frar sal-31 ta' Diċembru 2006, li jikkonċerna sit tat-trobbija tad-dundjani fil-periferija ta' Nagybaracska (l-Ungerija). Hija ppjanat li tuża s-sit mikri għat-tismin ta' żewġ lottijiet ta' dundjani mkabbra qabel.

22 Fl-10 ta' Frar 2006, ċinju mutu, li miet b'infezzjoni tal-virus H5N1, instab fit-territorju ta' Nagybaracska, madwar 50 metru mir-razzett mikri.

23 F'dan ir-rigward, u sabiex jittieħdu miżuri ta' ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli, il-Kummissjoni adottat, fil-15 u fis-17 ta' Frar 2006 rispettivament, id-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115.

24 Permezz tad-Deċiżjonijiet amministrattivi 945-0/BACSK/2006 u 945-1/BACSK/2006 tal-15 u l-21 ta' Frar 2006 rispettivament, u b'mod konformi mal-qafas leġiżlattiv nazzjonali eżistenti, il-konvenut fil-kawża prinċipali ordna l-istabbiliment ta' żona ta' protezzjoni li kienet testendi wkoll għat-territorju amministrattiv ta' Csátalja u Nagybaracska u adotta miżuri oħra bħal, b'mod partikolari, il-projbizzjoni tal-ġarr tat-tjur f'din iż-żona ta' protezzjoni. Din l-aħħar miżura tħassret fil-21 ta' April 2006.

25 Fit-23 ta' Frar 2006, permezz tal-Avviż amministrattiv 1011-5/BACSK/2006, li ma jistax jiġi kkontestat, il-konvenut fil-kawża prinċipali ċaħad it-talba għal awtorizzazzjoni mressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sabiex xi dundjani jinżammu fis-sit tat-trobbija li jinsab f'Nagybaracska, minħabba restrizzjonijiet applikabbli fiż-żona ta' protezzjoni ordnata, kif ukoll minħabba li l-imsemmija rikorrenti u l-imsieħba tagħha kellhom diversi siti fejn id-dundjani setgħu, fl-opinjoni tiegħu, jitqiegħdu skont l-ispazju disponibbli f'kull wieħed minnhom.

26 Fis-16 ta' Marzu 2006, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqet quddiem il-konvenut fil-kawża prinċipali talba għall-kumpens għad-dannu kollu li hija kienet sostniet minħabba l-istabbiliment taż-żona ta' protezzjoni u taċ-ċaħda tat-talba tagħha li tikkonċerna l-akkomodazzjoni tad-dundjani inkwistjoni f'din iż-żona ta' protezzjoni.

27 Bħala riżultat tad-deċiżjonijiet amministrattivi, suġġetti għall-istħarriġ ġudizzjarju, ġie deċiż u mogħti lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali l-ammont totali ta' 3 509 879 forint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 12 000) bħala kumpens, filwaqt li t-talba tagħha għall-ammont li jirrappreżenta n-nuqqas ta' qligħ ġiet miċħuda.

28 Fuq dan l-isfond, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqet azzjoni kontra l-Bács-Kiskun Megyei Kormányhivatal, billi sostniet li l-konvenut fil-kawża prinċipali ma setax jipprojbixxi t-trasport tad-dundjani lejn is-sit mikri, b'mod li l-imsemmi konvenut kien obbligat jagħti kumpens għad-danni li jinkludu n-nuqqas ta' qligħ, li ma kienx ingħata fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva ta' kumpens.

29 Fit-13 ta' Mejju 2012, il-Kecskeméti törvényszék (tribunal dipartimentali ta' Kecskemét) ċaħad it-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali minħabba li d-deċiżjonijiet meħuda mill-konvenut fil-kawża prinċipali fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu ma kinux illegali u, fi kwalunkwe każ, minħabba li l-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà għal dannu kkawżat fl-eżerċizzju ta' kompetenza amministrattiva ma kinux issodisfatti. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellat minn din id-deċiżjoni quddiem is-Szegedi ítélőtábla (qorti reġjonali ta' Szeged).

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Szegedi ítélőtábla ddeċidiet illi tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-deċiżjoni adottata abbażi tal-miżuri ta' protezzjoni provviżorji kontra l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli li permezz tagħha l-awtoritajiet Ungeriżi ordnaw li tiġi stabbilita żona ta' protezzjoni u projbizzjoni b'mod partikolari, f'dan il-kuntest, tat-trasport ta' tjur kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-Direttivi [92/40 u 2005/94] u d-Deċiżjoni [2006/105]?

Id-deċiżjoni adottata skont miżuri ta' protezzjoni provviżorji kontra l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli li permezz tagħha l-awtoritajiet Ungeriżi emendaw parzjalment ir-regoli applikabbli fiż-żona ta' protezzjoni u projbizzjoni b'mod partikolari, f'dan il-kuntest, il-passaġġ ta' tjur fiż-żona, u, min-naħa l-oħra, il-miżura li dawn l-awtoritajiet ħadu f'dak li jikkonċerna lir-rikorrenti, taħt il-forma ta' opinjoni (u mhux dik ta' deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata) u li permezz tagħha huma diżapprovaw il-kunsinna (jew fejn jinżammu) ta' dundjani fil-barrakka li tinsab fiż-żona ta' protezzjoni, direttament qrib tfaqqigħ ta' infezzjoni kkonstatata, kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari mad-Direttivi [92/40 u 2005/94, kif ukoll] mad-Deċiżjoni [2006/115]?

2) Id-Direttivi [92/40 u 2005/94], inkwantu atti normattivi tad-dritt tal-Unjoni, kienu intiżi sabiex jintroduċu fl-Unjoni leġiżlazzjoni komuni ta' kumpens għad-danni kkaważati lill-individwi mill-miżuri ta' protezzjoni provviżorji kontra l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli? Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jinsabu fid-Direttivi [92/40 u 2005/94 kif ukoll] fid-Deċiżjonijiet [2006/105 u 2006/115], irrikonoxxew setgħa xierqa sabiex tiġi introdotta leġiżlazzjoni komuni tal-kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi mill-miżuri ta' protezzjoni provviżorji kontra l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli?

3) Fil-każ fejn id-domanda (2) kellha tingħata risposta affermattiva, ir-restrizzjoni tad-dritt għal kumpens għad-dannu hija legali u konformi mad-dritt tal-Unjoni meta hija tirriżulta minn miżuri nazzjonali provviżorji li ttieħdu għall-eżekuzzjoni tal-atti elenkati iktar 'il quddiem? Regola ta' dritt nazzjonali li tillimita l-kumpens imħallas mill-Istat għall-ammont effettiv tad-dannu u tal-ispejjeż, u teskludi mill-kumpens il-possibbiltà li jiġi kkumpensat in-nuqqas ta' qligħ finanzjarju, tista' tiġi kkunsidrata bħal restrizzjoni neċessarja u proporzjonata tad-dritt ta' kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi?

4) Fil-każ fejn id-domanda (2) kellha tingħata risposta negattiva, ir-rikorrenti tista', jekk hija ġiet leża mill-miżuri nazzjonali provviżorji li ttieħdu għall-eżekuzzjoni ta' atti tad-dritt tal-Unjoni intiżi għall-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli, u li r-regoli ta' dritt nazzjonali jillimitaw id-dritt li jintalab kumpens għad-danni hekk ikkawżati u jeskludu mill-kumpens kull possibbiltà li jintalab kumpens għan-nuqqas ta' qligħ finanzjarju, tibbaża fuq dritt biex tiġi kkumpensata minħabba n-nuqqas ta' qliegħ finanzjarju tagħha billi tinvoka direttament il-ksur tal-prinċipji stabbiliti mill-Karta [...] (il-libertà ta' intraprīża [msemmija fl-]Artikolu 16, id-dritt għall-proprjetà [stabbilit fl-]Artikolu 17 u d-dritt għal rimedju effettiv [previst fl-]Artikolu 47)?

5) Jekk dritt għall-kumpens sħiħ għal dannu jista' jiġi eżerċitat fuq kwalunkwe bażi fid-dritt tal-Unjoni, tali dritt jista' jiġi eżerċitat biss kontra l-Istat ikkonċernat jew jista' wkoll, fil-kuntest ta' proċedura ta' kumpens għal dannu kkawżat fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' kompetenza amministrattiva, jiġi invokat kontra l-awtorità amministrattiva, billi l-kunċett ta' Stat jiġi kkunsidrat fis-sens wiesa' tiegħu? Jekk id-dritt jista' jiġi eżerċitat bħala korp amministrattiv, id-dritt tar-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat jista' jistabbilixxi l-preżenza ta' kundizzjonijiet supplimentari sabiex id-dritt għal kumpens ikun fondat?

6) Jekk jiġi maħsub li d-dritt tal-Unjoni ma kienx ippreveda possibbiltà għar-rikorrenti li tikseb kumpens sħiħ għad-dannu li kien ġie impost fuqha billi tibbaża direttament fuqu, l-istess regoli għandhom, skont prinċipju ta' ekwivalenza tal-proċeduri, japplikaw fl-eżami, minn naħa, tat-talbiet li jistgħu jiġu deċiżi abbażi tad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, tat-talbiet simili li jistgħu jkunu hekk deċiżi skont ir-regoli tad-dritt intern Ungeriż?

7) Huwa possibbli, f'kawża li tikkonċerna miżuri ddestinati sabiex jimplementaw id-dritt tal-Unjoni — il-funzjonament tas-suq intern bilfors li huwa milqut minn miżuri leġiżlattivi u amministrattivi meħuda mill-Istati Membri fid-dawl tal-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli preżenti fl-għasafar selvaġġi fl-Unjoni — , u jekk jiġi preżunt kuntest fattwali li jixbah dak tal-każ ineżami, li lill-Kummissjoni tintalab l-opinjoni tagħha bħala *amicus curiæ*, b'mod partikolari meta jsir magħruf li l-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur kontra l-Istat Membru inkwistjoni, dwar kwistjonijiet legali rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża?

8) Jekk jiġi maħsub li huwa possibbli li l-Kummissjoni tiġi mistoqsija kemm sabiex tagħti opinjoni bħala *amicus curiæ*, kemm bħala sempliċi informazzjoni, din hija obbligata li tagħti opinjoni inkwantu *amicus curiæ* jew li tagħti preċiżazzjonijiet f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni, dokumenti u dikjarazzjonijiet miksuba fil-kuntest ta' proċedura ta' ksur, u f'dak li jikkonċerna l-prattika tagħha f'dan ir-rigward, b'mod partikolari meta din hija informazzjoni mhux pubblika li nkisbet matul il-fażi tal-proċedura ta' ksur li tipprekedi l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja? Tali informazzjoni tista' tintuża pubblikament fil-kuntest ta' kawża partikolari quddiem qorti nazzjonali?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Osservazzjonijiet preliminari*

31 Għandu jiġi osservat li, skont iċ-ċirkustanzi speċifikati fid-deċiżjoni tar-rinviju, it-tfaqqigħ tal-influwenza tat-tjur fil-kawża prinċipali kien ġie kkonstatat fuq għasfur selvaġġ. F'dan il-każ kien ċinju li nstab mejjet wara infezzjoni bl-influwenza tat-tjur.

32 Issa, fir-rigward tad-Direttivi 92/40 u 2005/94, mill-Artikolu 1 ta' dawn tal-aħħar jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jestendi ruħu biss sal-istabbiliment tal-miżuri preventivi u tal-miżuri ta' ġlieda fil-każ ta' suspett jew ta' okkorrenza effettiva, fi ħdan stabbiliment, ta' tfaqqigħ ta' influwenza tat-tjur f'xi tjur jew għasafar miżmuma mill-bniedem.

33 Konsegwentement, l-imsemmija direttivi ma japplikawx għall-każ ineżami, sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ma jinkludix il-każ ta' tfaqqigħ tal-influwenza tat-tjur f'għasfur selvaġġ li n-natura iżolata tiegħu titlob miżuri inqas restrittivi.

34 Għalhekk, huwa fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

*Fuq is-seba' u t-tmien domandi*

35 Permezz tas-seba' u t-tmien domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf sa fejn il-qorti nazzjonali għandha l-possibbiltà li titlob lill-Kummissjoni tipprovdilha kjarifikazzjonijiet fil-kuntest ta' tilwima li tikkonċerna miżuri intiżi li jiġi implementat id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, meta tkun inbdiet proċedura mill-Kummissjoni għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li tikkonċerna t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/94 u b'liema mod l-informazzjoni miġbura tista' tintuża.

36 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew ukoll meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li sarulha (ara s-sentenza PreussenElektra, C-379/98, EU:C:2001:160, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, peress li d-Direttiva 2005/94 ma hijiex applikabbli fil-każ ineżami, l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni, sabiex isir magħruf jekk il-Kummissjoni għandhiex tipprovdi kjarifikazzjonijiet fir-rigward ta' azzjoni għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat kontra l-Ungerija dwar it-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, ma hijiex rilevanti fir-rigward tad-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju hija mitluba tagħti.

38 Minn dan jirriżulta li s-seba' u t-tmien domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma inammissibbli.

*Fuq l-ewwel domanda*

39 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu, minn naħa, miżuri nazzjonali bħall-atti amministrattivi tal-15 u tal-21 ta' Frar 2006, li jordnaw l-istabbiliment ta' żona ta' protezzjoni fit-territorju amministrattiv ta' Csátalja u Nagybaracska u li jipprojbixxu l-ġarr ta' tjur f'din iż-żona, u, min-naħa l-oħra, avviż amministrattiv bħal dak tat-23 ta' Frar 2006, li jirrifjuta li jawtorizza lil impriża bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li takkomoda dundjani fis-sit ta' trobbija tagħha li jinsab f'Nagybaracska.

40 Fl-ewwel lok, l-Artikoli 2(1) u 3(2)(ċ) tad-Deċiżjoni 2006/105 kif ukoll id-dispożizzjonijiet identiċi tad-Deċiżjoni 2006/115, minn naħa, jobbligaw lill-Istat Membru kkonċernat li jistabbilixxi madwar iż-żona, fejn il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli fl-għasafar selvaġġi ġiet ikkonfermata, żona ta' protezzjoni ta' raġġ minimu ta' tliet kilometri u, min-naħa l-oħra, jipprojbixxu t-trasport ta' tjur u ta' għasafar oħra miżmuma mill-bniedem minn ġewwa din iż-żona, minbarra l-ġarr fit-toroq ewlenin jew bil-ferroviji u t-trasport lejn il-biċċerija għall-qtil immedjat.

41 F'dan il-każ, mill-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet jirriżulta li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-istabbiliment ta' żona ta' protezzjoni u l-projbizzjoni tal-ġarr ta' tjur minn ġewwa din iż-żona, adottati bħala atti amministrattivi mill-awtoritajiet Ungeriżi fil-15 u fil-21 ta' Frar 2006 rispettivament, jikkonformaw ma' dawn l-istess dispożizzjonijiet, u dan huwa fatt li ebda waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali ma kkontestat.

42 Fit-tieni lok, sa fejn l-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Deċiżjoni 2006/105 jipprojbixxi l-ġarr ta' tjur minn ġewwa ż-żona ta' protezzjoni, jiġifieri ġarr li ma jinkludi ebda tip ta' imbark jew ħatt tal-annimali, minn dan jirriżulta li, *a fortiori*, il-ġarr tat-tjur lejn sit ta' trobbija li jinsab f'din iż-żona, kif previst fil-każ ineżami, huwa wkoll ipprojbit. Barra minn hekk, hekk kif issostni l-Kummissjoni, id-derogi previsti fl-Artikolu 6 ta' din id-dispożizzjoni japplikaw esklużivament għall-ġarr imwettaq fi ħdan iż-żona ta' protezzjoni jew għat-tluq minnha. Dawn id-derogi għaldaqstant ma japplikawx għall-ġarr imwettaq barra minn din iż-żona lejn din iż-żona, kif inhu l-każ fil-kawża prinċipali.

43 Minn dan isegwi li r-rifjut, bl-avviż amministrattiv tat-23 ta' Frar 2006, tal-awtoritajiet Ungeriżi li jawtorizzaw il-ġarr ta' tjur lejn iż-żona ta' protezzjoni huwa konformi mal-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115. L-għażla tal-forma ta' avviż amministrattiv ma għandha ebda effett fuq din l-evalwazzjoni, peress li dawn id-deċiżjonijiet ma jipprevedux modalitajiet partikolari għall-implementazzjoni tagħhom.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li d-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux, minn naħa, miżuri nazzjonali bħall-atti amministrattivi tal-15 u tal-21 ta' Frar 2006 li jordnaw l-istabbiliment ta' żona ta' protezzjoni fit-territorju amministrattiv ta' Csátalja u Nagybaracska u li jipprojbixxu l-ġarr ta' tjur f'din iż-żona u, min-naħa l-oħra, avviż amministrattiv bħal dak tat-23 ta' Frar 2006, li jirrifjuta lil impriża bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li takkomoda dundjani fis-sit tat-trobbija tagħha li jinsab f'Nagybaracska.

*Fuq it-tieni u r-raba' domandi*

45 Permezz tat-tieni u r-raba' domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115 li jistabbilixxu miżuri ta' ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jinkludu, jew jagħmlu riferiment għal dispożizzjonijiet li huma intiżi li jistabbilixxu sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati mill-miżuri li huma jipprevedu u, jekk dan ma jkunx il-każ, jekk il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali teskludi n-nuqqas ta' qligħ mill-kumpens għad-danni kkawżati minn miżuri nazzjonali ta' protezzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meħuda b'mod konformi mad-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115, jippreġudikax il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għall-proprjetà u d-dritt għal rimedju effettiv, imniżżla rispettivament fl-Artikolu 16, 17 u 47 tal-Karta.

46 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat, hekk kif isostnu kemm il-konvenut fil-kawża prinċipali, il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni, li d-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115 ma jinkludu ebda dispożizzjoni intiża li tistabbilixxi sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi mill-implementazzjoni tal-miżuri ta' ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur previsti b'dawn id-deċiżjonijiet.

47 Barra minn hekk, sa fejn l-imsemmija deċiżjonijiet jikkostitwixxu atti ta' eżekuzzjoni meħuda bis-saħħa tal-Artikolu 9(3) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE, tal-11 ta' Diċembru 1989, dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 9, p. 214), u tal-Artikolu 10(3) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE, tas-26 ta' Ġunju 1990, dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU L 224, p. 29), ebda kompetenza li tattribwixxi lill-Kummissjoni s-setgħa li tistabbilixxi sistema ta' kumpens ma tirriżulta mill-formulazzjoni jew mill-għan ta' dawn id-direttivi, li servew ta' bażi għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115.

48 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jqis, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li huwa għandu fil-qasam tal-politika agrikola, li huwa xieraq li jingħata kumpens, parzjali jew totali, lill-proprjetarji tal-irziezet li fihom jinqerdu u jinqatlu l-annimali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li minn din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi dedotta l-eżistenza, fid-dritt tal-Unjoni, ta' prinċipju ġenerali li jimponi l-għoti ta' kumpens fiċ-ċirkustanzi kollha (ara s-sentenza Booker Aquaculture u Hydro Seafood, C-20/00 u C-64/00, EU:C:2003:397, punt 85).

49 Din il-ġurisprudenza hija wkoll applikabbli fil-kawża prinċipali, b'teħid inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-fatt li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma inqas gravi mill-miżuri ta' qirda u ta' qtil fil-kawża li wasslet għas-sentenza Booker Aquaculture u Hydro Seafood (EU:C:2003:397).

50 Minn dan isegwi li d-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115, li jistabbilixxu miżuri ta' ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur, la jinkludu u lanqas ma jagħmlu riferiment għal dispożizzjonijiet intiżi li jistabbilixxu sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati mill-miżuri li huma jipprevedu. Konsegwentement, dawn id-deċiżjonijiet ma jistabbilixxux obbligu ta' kumpens fir-rigward tal-Istati Membri.

51 Fit-tieni lok, sa fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tas-sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati bl-adozzjoni tal-miżuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif stabbilita mil-leġiżlatur nazzjonali, mal-libertà tal-intrapriża, mad-dritt għall-proprjetà u mad-dritt għal rimedju effettiv, kif iggarantiti mill-Karta, qabelxejn għandu jiġi enfasizzat li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, operatur ekonomiku, marbut li jikkoopera fil-kuntest ta' miżura epidemjoloġika, għandu dritt għall-kumpens għad-danni kkawżati minn din il-kooperazzjoni, minbarra n-nuqqas ta' qligħ.

52 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, meta obbligu ta' kumpens ma jistax ikun ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni, miżura nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tipprevedi l-ħlas, mill-Istat ikkonċernat, ta' kumpens li jikkorrispondi għad-dannu u għall-ispejjeż effettivi, b'esklużjoni tan-nuqqas ta' qligħ, ma tkunx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda esklużivament taħt l-għażla tal-leġiżlatur nazzjonali.

53 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, prevista fl-Artikolu 267 TFUE, hija bbażata, skont ġurisprudenza stabbilita, fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, fejn din tal-aħħar għandha biss is-setgħa li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tal-atti tal-Unjoni msemmija f'dak l-artikolu. F'dan il-kuntest, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tevalwa l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jew li tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni tagħhom li l-qorti nazzjonali tagħti hijiex korretta (sentenza Texdata Software, C-418/11, EU:C:2013:588, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, li jirregola l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta dawn jimplementaw id-dritt tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni tikkonferma l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma intiżi li jiġu applikati fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, iżda ma jistgħux japplikaw barra minn tali sitwazzjonijiet. Meta sitwazzjoni legali ma tkunx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwarha, u d-dispożizzjonijiet eventwalment invokati tal-Karta ma jistgħux, fihom infushom, jistabbilixxu dik il-ġurisdizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punti 17, 19 u 22, kif ukoll id-digriet Sociedade Agrícola e Imobiliária da Quinta de S. Paio, C-258/13, EU:C:2013:810, punti 18 sa 20).

55 Konsegwentement, l-evalwazzjoni tal-legalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tipprevedix kumpens sħiħ, inkluż in-nuqqas ta' qligħ, għad-danni sostnuti minħabba l-adozzjoni, b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, ta' miżuri nazzjonali ta' protezzjoni kontra l-influwenza tat-tjur, fir-rigward tad-drittijiet għal rimedju effettiv u għall-proprjetà kif ukoll tal-libertà tal-intrapriża, ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

56 Fil-fatt, hekk kif inhu rrilevat fil-punti 48 u 49 tas-sentenza preżenti, prinċipju ġenerali li jimponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' kumpens għad-danni li jirriżultaw minn tali miżuri ma jeżistix fid-dritt tal-Unjoni.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, ir-risposta għat-tieni u għar-raba' domandi għandha tkun li, minn naħa, id-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115, li jistabbilixxu miżuri ta' ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma la jinkludu u lanqas ma jagħmlu riferiment għal dispożizzjonijiet intiżi li jistabbilixxu sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati mill-miżuri li huma jipprevedu u, min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tal-legalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tipprevedix kumpens sħiħ, inkluż in-nuqqas ta' qligħ, għad-danni sostnuti minħabba l-adozzjoni, b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, ta' miżuri nazzjonali ta' protezzjoni kontra l-influwenza tat-tjur, fir-rigward tad-drittijiet għal rimedju effettiv u għall-proprjetà kif ukoll tal-libertà tal-intrapriża, ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

*Fuq it-tielet u l-ħames domandi*

58 Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, it-tielet u l-ħames domandi għandhom jingħataw risposta fil-każ li jingħataw risposti fl-affermattiv għat-tieni u r-raba' domandi.

59 Issa, fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni u r-raba' domandi, it-tielet u l-ħames domandi ma jeħtiġux risposta.

*Fuq is-sitt domanda*

60 Permezz tas-sitt domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-prinċipju ta' ekwivalenza għandux jiġi interpretat fis-sens li, fl-ipoteżi fejn dritt għal kumpens għad-dannu sostnut minn impriża bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jirriżultax mid-dritt tal-Unjoni, dan il-prinċipju jista' jiġi applikat sabiex jippermetti l-implementazzjoni tal-istess regoli proċedurali għall-eżami, minn naħa, ta' talbiet li jistgħu jintlaqgħu abbażi tad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, ta' talbiet simili li jistgħu jintlaqgħu bis-saħħa tar-regoli tad-dritt Ungeriż.

61 F'dak li jikkonċerna l-prinċipju ta' ekwivalenza, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-osservanza ta' dan il-prinċipju tippresupponi li r-regola nazzjonali inkwistjoni tapplika mingħajr distinzjoni għall-azzjonijiet ibbażati fuq drittijiet li l-litiganti jisiltu mid-dritt tal-Unjoni u għal dawk ibbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-dritt intern li għandhom suġġett u kawża li jixxiebhu. Hija l-qorti nazzjonali, li għandha għarfien dirett tal-modalitajiet proċedurali applikabbli, li għandha tivverifika x-xebh tal-azzjonijiet ikkonċernati mill-perspettiva tas-suġġett tagħhom, tal-kawża tagħhom u tal-elementi essenzjali tagħhom (ara s-sentenza Agrokonsulting-04, C-93/12, EU:C:2013:432, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Issa, fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni u għar-raba' domandi, ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jistabbilixxu sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati minn miżuri nazzjonali ta' protezzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għall-kuntrarju, il-possibbiltà li tiġi stabbilita tali sistema taqa' esklużivament taħt l-għażla tal-leġiżlatur nazzjonali.

63 Minn dan isegwi li, sa fejn l-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza tippresupponi l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni ta' regola nazzjonali f'sitwazzjonijiet li jirriżultaw, minn naħa, mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mid-dritt intern, dan il-prinċipju ma jistax jiġi applikat f'sitwazzjoni li ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni, bħal dik fil-kawża prinċipali.

64 Fi kwalunkwe każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, f'dak li jikkonċerna l-azzjonijiet għall-kumpens għad-danni kkawżati mill-miżuri nazzjonali ta' protezzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ebda element ma jindika applikazzjoni differenzjata ta' regoli nazzjonali proċedurali tad-drittijiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni u lanqas ta' dawk previsti mid-dritt nazzjonali.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-prinċipju ta' ekwivalenza ma huwiex applikabbli f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

**Fuq l-ispejjeż**

66 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/105/KE, tal-15 ta' Frar 2006, dwar ċerti miżuri provviżorji ta' protezzjoni rigward każijiet sospetti ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'għasafar selvaġġi fl-Ungerija, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/115/KE, tas-17 ta' Frar 2006, dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'għasafar selvaġġi fil-Komunità u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/86/KE, 2006/90/KE, 2006/91/KE, 2006/94/KE, 2006/104/KE u 2006/105/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux, minn naħa, miżuri nazzjonali bħall-atti amministrattivi tal-15 u tal-21 ta' Frar 2006 li jordnaw l-istabbiliment ta' żona ta' protezzjoni fit-territorju amministrattiv ta' Csátalja u Nagybaracska (l-Ungerija) u li jipprojbixxu l-ġarr ta' tjur f'din iż-żona u, min-naħa l-oħra, avviż amministrattiv bħal dak tat-23 ta' Frar 2006, li jirrifjuta lil impriża bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li takkomoda dundjani f'sit tat-trobbija tagħha li jinsab f'Nagybaracska.**

2) **Minn naħa, id-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma la jinkludu u lanqas ma jagħmlu riferiment għal dispożizzjonijiet intiżi li jistabbilixxu sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati mill-miżuri li huma jipprevedu u, min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tal-legalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tipprevedix kumpens sħiħ, inkluż in-nuqqas ta' qligħ, għad-danni sostnuti minħabba l-adozzjoni, b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, ta' miżuri nazzjonali ta' protezzjoni kontra l-influwenza tat-tjur, fir-rigward tad-drittijiet għal rimedju effettiv u għall-proprjetà kif ukoll tal-libertà tal-intrapriża, ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.**

Firem